

Brussell, 17 ta' Frar 2020  
(OR. en)

5760/1/20  
REV 1

FIN 58  
PE-L 4

## NOTA

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 – <i>Adozzjoni</i>

---

1. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina r-rapport annwali tal-Qorti dwar is-sena finanzjarja 2018<sup>1</sup> f'Jannar u Frar 2020.
2. Ir-rapport annwali fih valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-kontijiet ikkonsolidati tal-UE u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom għall-parti tad-dħul u l-infiq tal-baġit tal-UE, li jiformaw il-bażi għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (DAS)<sup>2</sup> tal-Qorti.
3. Il-Qorti kkonkludiet li d-dħul għas-sena finanzjarja 2018 huwa legali u regolari u ma fihx żbalji materjali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 340, 8.10.2019.

<sup>2</sup> "Déclaration d'assurance".

4. Il-Qorti kkwalifikat l-opinjoni tagħha dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa wara li sabet li l-infiq b'riskju għoli (prinċipalment infiq fuq bażi ta' rimborż, li huwa soġġett għal regoli kumplessi) huwa milqut minn livell materjali ta' żball, filwaqt li n-nefqa li ssir prinċipalment fuq bażi ta' drittijiet sottostanti u soġġetta għal regoli inqas kumplessi mhijiex materjalment affettwata minn żbalji. Kollox ma' kollox, il-Qorti qieset li l-livell stmat ta' żbalji mhux mifrux.
5. Fis-6 ta' Frar 2019, il-Kumitat tal-Baġit laħaq qbil dwar abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018. It-test jinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
6. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046<sup>3</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu, u r-Regolamenti Finanzjarji ta' kull korp, il-Kunsill huwa meħtieġ ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom u li għandhom personalità ġuridika u jirċievu kontribuzzjonijiet li jitħallsu mill-baġit. Dawn l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet qed jiġu ppreżentati għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala punt "A" separat<sup>4</sup>.

---

<sup>3</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

<sup>4</sup> Dok. 5761/20 ADD 1.

7. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003<sup>5</sup> tad-19 ta' Diċembru 2002 li jstabilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004<sup>6</sup> tal-21 ta' Settembru 2004, dwar "regolament finanzjarju standard" għall-aġenziji eżekuttivi u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu, tiegħu, il-Kunsill huwa meħtieġ ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi. Dawn l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jiġu ppreżentati għall-adozzjoni mill-Kunsill ukoll bħala punt "A" separat<sup>7</sup>.
8. Barra minn hekk, skont l-atti ta' stabbiliment rilevanti u l-Artikolu 70(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-Kunsill huwa meħtieġ ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti. Dawn l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jiġu ppreżentati għall-adozzjoni mill-Kunsill ukoll bħala punt "A" separat<sup>8</sup>.
9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:
- jadotta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 kif tinsab fl-Addendum 1;
  - japprova l-kummenti ġenerali li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjoni, kif jinsabu fl-ANNEX għall-istess Addendum 1;
  - idaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjoni konġunta mill-Iżvezja u n-Netherlands li tinsab fl-ANNEX 1;
  - jagħti struzzjonijiet lill-President tal-Kunsill biex ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, flimkien mal-kummenti li jakkumpanjawha, jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, u japprova l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX 2 għal dak il-għan.

---

<sup>5</sup> ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1

<sup>6</sup> ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

<sup>7</sup> Dok. 5762/20 ADD 1.

<sup>8</sup> Dok. 5763/20 ADD 1.

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Iżvezja u n-Netherlands**  
**dwar il-kwittanza tal-baġit tal-UE għall-2018**

B'referenza għal:

- ir-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE fir-rigward tas-sena finanzjarja 2018;
- il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2018;
- ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018;

L-Iżvezja u n-Netherlands:

Jiddispiacijom li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti għadu ogħla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % u fl-2018 żdied meta mqabbel mal-2017, minn 2 % għal 2 %;

Jiddispiacijom li għall-25 sena konsekuttiva, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ma setgħetx tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni kwalifikata dwar il-baġit tal-UE fl-intier tiegħu u li r-rata ta' żball għall-infiq għadha ogħla mil-livell limitu aċċettabbli ta' 2 %;

Jiddispiacijom li, għal snin sħaħ, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE mhix skont l-istandards li ntlaħaq qbil dwarhom. Ma nistgħux infaħħru t-titjib marġinali f'xi oqsma, filwaqt li somma kbira tal-baġit tal-UE għadha suxxettibbli għal livelli għolja ta' żbalji;

Jenfasizzaw id-differenza bejn il-livell stmat ta' żbalji għall-pagamenti ta' rimborżi (4,5 %) u l-infiq ibbażat fuq drittijiet (taħt 2 %) u jenfasizzaw li t-tnaqqis fir-rati ta' żbalji għall-pagamenti ta' rimborżi għandu jkun l-ewwel prijorità. Id-differenza kbira fir-rati ta' żbalji tenfasizza l-bżonn ta' riforma fil-ġestjoni tal-baġit tal-UE, inkluż bl-implimentazzjoni ta' inqas regoli ta' finanzjament kumplessi u billi ssir aktar konċentrazzjoni fuq ir-riżultati;

Jinsabu mħassba dwar in-nuqqasijiet tal-awtoritajiet tal-awditjar li nstabu mill-Qorti. Il-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar għandha rwol kruċjali fl-iżgurar tar-regolarità tal-infiq finanzjarju. Għalhekk, inħeġġu lill-atturi kollha involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE biex itejbu aktar il-ħidma tagħhom sabiex jiksbu, flimkien mas-simplifikazzjoni tar-regoli ta' finanzjament u l-proċeduri ta' implimentazzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fl-Istati Membri, impatt pożittiv fuq il-livell stmat ta' żball;

Jiddispjaċihom li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti fil-qasam ta' koeżjoni żdied b'mod sinifikanti minn 3.0 % is-sena l-oħra għal 5.0 % din is-sena u jibqa' 'l fuq sew mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2.0 %. Aħna ninnotaw li l-infiq awditjat żdied minn EUR 8,0 biljun fl-2017 għal EUR 23,6 biljun fl-2018. Madankollu, peress li r-riskju ta' żball huwa għoli għal dan is-suġġett ta' infiq, l-ammont jidher relattivament baxx fir-rigward tal-livell totali ta' pagamenti ta' EUR 54,5 biljun u jista' jiżdied abbażi ta' analiżi tar-riskju;

Iħeġġu lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi li żżid il-konċentrazzjoni fuq ir-riżultati u l-ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati. Sabiex jiġu żgurati l-fiduċja u l-leġittimità, huwa essenzjali li l-baġit tal-UE jagħti, b'mod effiċjenti, valur reali liċ-ċittadini tal-UE. Id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-QFP jeħtieġ li jqisu kif il-baġit tal-UE jista' jerġa' jiffassal biex jappoġġa aħjar il-prijoritajiet politiċi b'mod ġenerali, jiġġenera riżultati u jirreaġixxi għall-isfidi mhux previsti;

Iħeġġu bis-sħiħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw aktar opportunitajiet biex jissimplifikaw ir-regoli u l-qafas regolatorju kumplessi li jirregolaw is-sistemi ta' nfiq u twettiq tal-baġit tal-UE għal ġestjoni kondiviża sabiex titjeb il-konformità, kif ukoll biex l-enfasi tkun fuq il-kontrolli tal-ewwel livell bil-għan li l-ħlasijiet isiru b'mod korrett mill-ewwel.

Regolamentazzjoni aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar prevedibbli hija essenzjali biex tkun żgurata l-ġestjoni effettiva u korretta tal-fondi tal-UE;

Jistiednu lill-Kummissjoni u l-Istati Membri iżidu l-isforzi għall-promozzjoni tat-trasparenza u l-affidabbiltà tal-awditi, fid-dawl tal-iżviluppi bil-għan tal-applikazzjoni tal-prinċipju tad-dipendenza trasversali; u biex ir-rapporti annwali ta' kontroll tal-Istati Membri jkunu disponibbli għall-pubbliku.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 319(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, qed nibgħatlek separatament<sup>1</sup> ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018.

[Formula ta' għeluq].

---

---

<sup>1</sup> Dok. 5760/1/20 REV 1 + 5760/20 ADD 1 + 5760/20 ADD 1 COR 1.